MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2022

Appell Inferjuri Numru 23/2021 LM

**Alexandra Gauci (K.I. nru. 6288(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Ottubru, 2021, numru 235/21 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-

Arbitru'], li permezz tagħha ddeċida li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Alexandra Gauci (K.I. nru. 6288(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'].

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tas-6 ta' Frar, 2020 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant'] li l-appellata ma kinitx aktar intitolata għall-Għajnuna Soċjali (SUP) għaliex hija ma kkoperatx mal-ispetturi tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

**Mertu**

3. L-appellata istitwiet proċeduri ta' appell quddiem l-Arbitru permezz tal-ittra tagħha tal-21 ta' Frar, 2020 fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant, filwaqt li spjegat iċ-ċirkostanzi tagħha.

4. Id-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fl-1 ta' Diċembru, 2020, fejn huwa wkoll spjega ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, filwaqt li rrileva li l-appell tal-appellata ma kien qed iqajjem l-ebda punt ta' liġi jew ta' prinċipju ta' importanza, u għaldaqstant kellu jiġi miċħud.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru waslet għad-deċiżjoni appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ra*

*Illi l-Appellanti kienet benefiċjarja tal-Assistenza Soċjali (SUP) sas-6 ta' Marzu 2020.*

*Illi din l-assistenza ġiet lilha mwaqqfa fuq rapport li d-Dipartiment irċieva mingħand id-Direttorat tal-Osservanza tal-Benefiċċji u Investigazzjonijiet fejn irriżulta li l-appellanta kienet naqset li tikkoopera mal-ispetturi u għalhekk fis-6 ta' Frar 2020, id-Direttur Ġenerali informa lill-appellanta illi ma kenitx iżjed intitolata għall-Assistenza.*

*Illi l-Appellanti appellat permezz ta' ittra datata 21 ta' Frar 2020, fejn spjegat illi hija kienet tgħix ma' ommha u l-partner ta' ommha kien mar jgħix ma' ommha wkoll u li missier it-tfal ma kienx jgħix magħha iżda kien imur jara lit-tfal stante illi huwa kellu dritt ta' aċċess għall-minuri.*

*Illi permezz ta' risposta datata 6 ta' Awwissu 2020, id-Dipartiment issottometta ir-risposta tiegħu fejn qal illi l-appellanti kienet naqset milli tikkoopera mal-ispetturi u għalhekk fis-6 ta' Frar 2020, id-Direttur ħareġ id-deċiżjoni negativa tiegħu.*

***Fatti***

*Illi l-Appellanti kienet beneficjarja tal-Assistenza Soċjali (SUP) sas-6 ta' Marzu 2020.*

*Illi sar rapport anonimu fejn ġie rrappurtat illi l-Appellanti kienet qed tifforma familja taħt l-istess saqaf mas-sieħeb tagħha fl-indirizz illi hija ddikjarat mad-Dipartiment. Meta l-ispetturi marru fuq il-post sabiex jinvestigaw il-każ, huma ma setgħux jivverifikaw il-kundizzjonijiet tar-residenza tal-appellanti stante nuqqas totali ta' ko-operazzjoni da parti tal-appellanta, kif ikkonfermat minnha stess, u għalhekk, id-Direttorat wasal għal konklużjoni negattiva.*

*Illi l-Appellanti ndikat illi għandha erbat itfal minuri jgħixu magħha u l-indirizz mogħti minnha fl-applikazzjoni tagħha tal-21 ta' Ottubru 2019 huwa wkoll ir-residenza ta' ommha illi hija wkoll, fl-istess applikazzjoni, indikjart bħala residenti fl-istess indirizz.*

***Kunsiderazzjonijiet***

*Illi l-Appellanti għandha erbat itfal minuri u tgħix fir-residenza ta' ommha flimkien ma' uliedha, ommha u wkoll, sussegwentement, mar jgħix il-partner ta' ommha fl-istess residenza.*

*Illi huwa minnu illi meta l-ispetturi mid-Dipartiment tal-frodi tal-benefiċċju ppruvaw iwettqu investigazzjoni fuq il-post u dan sussegwenti għal rapport anonimu illi l-appellanti kienet qed tgħix mal-partner tagħha, l-Appellanti naqset milli tiftħilhom.*

*Illi l-Appellanti tikkonferma illi hija ma fetħitx il-bieb u ma tatx aċċess lill-ispetturi għaliex beżgħet peress illi l-partner ta' ommha kien beda jgħix ġol-istess dar.*

*Illi l-Arbitru josserva wkoll ix-xhieda ta' Social Worker, Amy Duca Karta tal-Identità Numru 553690M li xehdet nhar is-6 ta' Mejju 2021 u kkonfermat illi hija kienet ilha ssegwi lill-Appellanti sa mill-aħħar ta' 2019 u kkonfermat ukoll illi l-Appellanti kienet tgħidilha illi hija ma kellha l-ebda relazzjoni ma' missier it-tfal u li l-Appellanti xtaqet taħdem u kienet qed tagħmel minn kollox sabiex issib impjieg u wkoll illi hija kienet tgħix ma' ommha u eventwalment mar jgħix il-partner ta' ommha fl-istess residenza.*

*Illi l-Arbitru jifhem illi l-Appellanti setgħet kienet beżgħana għaliex hija ma riditx tippreġudika is-sitwazzjoni tal-partner ta' ommha. Però l-Arbitru jifhem ukoll illi l-Ispetturi kienu qed jagħmlu xogħolhom u li wara li l-Appellanti rrifjutat milli tiftaħ il-bieb, huma ma kellhom ebda triq oħra għajr li jikkonkludu illi l-Appellanti kellha x'taħbi.*

*Illi wara ix-xhieda ta' Amy Duca u wkoll apprezzament tax-xhieda tal-appellanti u l-komportament tagħha, l-Arbitru ma għandha l-ebda dubbju illi l-appellanti hija sinċiera, għandha ċirkostanzi partikolari u xorta waħda qed tipprova tikseb indipendenza finanzjarja sabiex trabbi lil uliedha. Dan mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi investigazzjoni li tista' ssir fuq is-sieħeb ta' ommha – li għalkemm kienet is-sors ta' biża' tal-appellanti, ma għandhiex tippreġudika il-każ individwu tagħha"*

## L-Appell

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-17 ta' Novembru, 2021 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tas-6 ta' Frar, 2020, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata. Jissottometti li l-aggravju tiegħu huwa li l-Arbitru naqset li tagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti u naqset ukoll li tapplika tajjeb id-disposizzjonijiet tal-liġi.

7. L-appellata wieġbet fit-8 ta' Marzu, 2022 fejn issottomettiet li l-appell interpost huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt, u għaldaqstant talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-imsemmi appell.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant, flimkien mat-tweġiba tal-appellata, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

9. Id-Direttur Ġenerali appellant qed jikkontendi li l-Arbitru naqset milli tagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti ppreżentati quddiemha, iżda wkoll milli tapplika korrettement il-liġi in kwistjoni. Jibda billi jammetti li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza sabiex tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi, iżda filwaqt li jiċċita diversi sentenzi ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta, in sostenn tal-argument tiegħu, jissottometti li huwa qed jintavola l-appell odjern għaliex il-ġudizzju tal-Arbitru huwa wieħed żbaljat għal kollox. Huwa jagħmel riferiment għall-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru, li wassluha tikkonkludi li għalkemm is-sieħeb ta' omm l-appellata kien ir-raġuni tal-biża' tagħha, dan ma kellux jippreġudika l-każ tagħha, u jikkontendi li tali konsiderazzjonijiet huma ħżiena. Jiddikjara li huwa ma jistax jifhem kif l-investigazzjoni setgħet tkun ta' preġudizzju għas-sieħeb t'ommha, li ma jirriżultax li huwa benefiċjarju tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Id-Direttur Ġenerali appellant ikompli jispjega li ż-żjara tal-ispetturi tad-Dipartiment kienet intiża sabiex jiġi stabbilit jekk l-appellata kinitx qegħda tifforma familja għal rasha, u b'hekk tkompli tiġi kkunsidrata bħala kap tal-familja tagħha għall-finijiet tal-intitolament tagħha għall-għajnuna soċjali. Huwa għal darb'oħra jagħmel riferiment u saħansitra jiċċita wkoll diversi sentenzi ta' din il-Qorti, u jirrileva li fil-każ odjern ma setgħet issir l-ebda determinazzjoni minnu għaliex l-appellata ma kinitx ikkoperat mal-ispetturi billi ma tathomx l-opportunità li jispezzjonaw ir-residenza tagħha, u dan jikkontendi li hija għamlitu sabiex tipproteġi lilha nnifisha, u mhux lis-

sieħeb ta' ommha. Isostni li l-aġir tagħha fil-fatt ma kienx wieħed ta' persuna sinċiera, iżda ta' persuna li kellha xi ħaġa x'taħbi, u jissuġġerixxi li l-preżenza ta' sieħeb ommha seta' jkollha impatt negattiv fuq l-intitolament tagħha għall-benefiċċji soċjali, u kien għalhekk li hija ma ħallietx l-ispetturi jispezzjonaw ir-residenza tagħha. L-appellata kienet saħansitra ammettiet waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2021 li hija kienet irrifjutat l-aċċess għaliex fil-fond kien hemm preżenti sieħeb ommha. Jissottometti li l-Arbitru naqset ukoll milli tieħu in konsiderazzjoni dak li tipprovdi għalih il-liġi fir-rigward tal-poteri tal-ispetturi, u b'hekk dan kompla wassal sabiex tieħu deċiżjoni żbaljata. Id-Direttur Ġenerali appellat kompla billi elenka d-diversi poteri in kwistjoni, u jissottometti li fil-każ odjern il-poter tal-ispetturi li jwettqu spezzjoni fid-dar ta' residenza tal-appellata jaqa' taħt l-ewwel sub-inċiż tal-artikolu 113 tal-Kap. 318, b'dana li jirrileva li l-istess artikolu jistabbilixxi d-dover li wieħed jikkollabora mal-ispetturi u anki l-konsegwenzi tan-nuqqas. Jikkontendi li fil-każ odjern dawn l-obbligi kienu japplikaw fil-konfront tal-appellata, li ma jirriżultax li tressqet quddiem qorti ta' ġudikatura kriminali, u li ġiet ikkundannata li tħallas il-multa hemm indikata. Id-Direttur Ġenerali appellat jgħid li dan ma kienx ifisser li huwa ma setax jieħu azzjoni skont dak li ġie rrappurtat lilu mill-ispetturi, u dan mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' appell tal-benefiċjarju. Għal darb'oħra d-Direttur Ġenerali appellant jagħmel riferiment għal diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell sabiex isaħħaħ l-argumenti tiegħu. Huwa jsostni li f'każ li l-benefiċjarju jfixkel lill-ispetturi fil-qadi ta' dmirijiethom, huwa jkun qed jikkundanna lilu nnifsu għaċ-ċaħda tal-benefiċċju li jkun qiegħed jirċievi. Jirrileva li fil-każ odjern, l-appellata ma kienet ġabet l-ebda raġuni valida għaliex hija ma kinitx tat aċċess lill-ispetturi, u l-iskuża tagħha li hija kellha ħafna mbarazz kienet pjuttost fiergħa, u l-ammissjoni tagħha waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2021 kienet tirrifletti aġir xejn

ġenwin. Jissottometti li l-appellata kienet ukoll marret kontra d-dikjarazzjoni tagħha kif din kienet tirriżulta fl-applikazzjoni tagħha għall-Għajnuna Soċjali, fejn hija kienet awtorizzat li jitwettqu l-investigazzjonijiet neċessarji sabiex jiġi stabbilit id-dritt tagħha għall-Għajnuna Soċjali. Id-Direttur Ġenerali appellant jagħmel riferiment għal każ ċitat minnu aktar 'il fuq, u jagħlaq billi jinsisti li għal dawk ir-raġunijiet kollha d-deċiżjoni tal-Arbitru mhijiex waħda tajba.

10. Fit-tweġiba tagħha, l-appellata tikkontendi li l-appell tad-Direttur Ġenerali appellat huwa wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt. Tgħid li kif diġà kienet spjegat quddiem l-Arbitru, hija ma kinitx taf jekk is-sieħeb t'ommha kienx benefiċjarju tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u għalhekk kienet beżgħet li jekk jirriżulta xi ħaġa mill-investigazzjoni dwaru, li permezz tagħha l-ispetturi jaħsbu li hija ma kinitx aktar il-kap tal-familja, hija kienet ser tiġi affettwata ħażin billi jitwaqqaf kull benefiċċju li hija kienet intitolata għalih. Tgħid li mhux minnu li hija naqset milli tikkopera mal-ispetturi, u tispjega li dak il-ħin hija kienet qegħda tlesti t-tfal minuri għall-iskola u kien naturali li ma setgħetx tisbarazza dak il-ħin u talbithom il-ħin għal dan. Tgħid li wieħed kien jistenna li l-abitazzjoni kellha tiġi ssorveljata u l-viżti jsiru f'aktar minn okkażjoni waħda. L-appellata tirrileva li l-ispettur Joseph Attard ma kienx indika fix-xhieda tiegħu meta huwa kien irċieva r-rapport anonimu. Tispjega li dak iż-żmien hija kienet bdiet taħdem permezz tal-iskema *tapered,* u għalhekk ma setgħetx taqa' taħt xi forma ta' investigazzjoni jekk kinitx kap tal-familja jew le.

11. Il-Qorti tgħid li ma ssib l-ebda raġuni gravi għaliex hija għandha tiddisturba d-deċiżjoni tal-Arbitru. Tirrileva li l-imsemmija Arbitru saħansitra għarfet li filwaqt li l-appellata setgħet ħasset ruħha beżgħana mill-fatt li jekk hija kienet ser tagħti aċċess

lill-ispetturi, dan seta' jippreġudika lis-sitwazzjoni tas-sieħeb t'ommha, iżda min-naħa l-oħra l-ispetturi b'dan l-aġir ma setgħux għajr li jaslu għall-konklużjoni li l-appellata b'hekk kienet qegħda taħbi xi ħaġa. Iżda korrettement hawn l-Arbitru straħet fuq ix-xhieda ta' Amy Duca, *social worker,* li hija persuna estranea għall-każ odjern. Ħadet in konsiderazzjoni l-komportament tal-appellata quddiemha, liema komportament jista' jsir evalwazzjoni tiegħu biss mill-Arbitru u mhux minn din il-Qorti, stante li ma kinitx preżenti f'dak il-ħin tas-seduta, u għalhekk ma tistax tindaħal fl-apprezzament tiegħu. Fl-aħħarnett ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari tal-appellata fejn qalet ġustament u b'mod raġonevoli, li din kienet qegħda tittanta tikseb l-indipendenza finanzjarja sabiex trabbi lill-erba' uliedha minuri. Il-Qorti tagħraf li dawn il-konsiderazzjonijiet kollha għandhom iwasslu sabiex id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tiġi meqjusa bħala inġusta u tiġi mħassra. Il-Qorti żżid tgħid li ma kien hemm xejn li seta' jxekkel lid-Direttur Ġenerali appellat li permezz tal-ispetturi tiegħu jwettaq spezzjoni għall-għarrieda f'ħin aktar raġonevoli, meħudin in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-appellata, u l-fatt li xorta waħda kienet ser tirriżulta kull prova li setgħet tissostanzja r-rapport anonimu dwar persuna oħra residenti fil-fond bħala kap tal-familja. Ċertament l-ispirtu tal-liġi kuntrarjament għal dak li qed jippretendi d-Direttur Ġenerali appellant, huwa wiesgħa biżżejjed biex jippermetti dan.

Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant ġustifikati u tiċħadhom.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrih.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**